MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2010

Rikors Numru. 554/2010

Rikors Nru: 554/10 AL
Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru
Kawtelatorju Nru 1792/09 fl-ismijiet :
Anna Rita Aquilina
Vs
Camilleri & Camilleri House Limited et

Il-Qorti;

Rat ir-rikors;

Rat id-digrieti taghha precedenti;

Rat in-nota ta' l-intimati tat-12 ta' Lulju 2010;

Tirrileva illi n-nota giet a konjizzjoni tal-Qorti fis-16 ta' Settembru 2010;

Regghet rat il-verbal taghha tal-1 ta' Lulju 2010 u tilqa' l-ewwel talba tal-konvenuti parzjalment billi tordna lil Anna Rita Aquilina sabiex tipprezenta kontro-mandat fil-konfront

ta’ John Camilleri u Maria Dolores sive Doreen Camilleri personalment fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha minn meta tigi notifikata b’dan id-digriet. Il-Qorti, peress illi rat illi ir-rekwiziti ta’ l-artikolu 838 A tal-Kap. 12 ma gewx sodisfatti, tichad it-tieni talba;

Il-Qorti tordna notifika ta’ dan id-digriet lill-intimata Anna Rita Aquilina.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------